MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru 495/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
PAUL TONNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Tonna, ta' 50 sena, bin Kristinu u Karmena nee' Saliba, imwieled Mdina nhar is-17 t'April 1955, u residenti 5, Sqaq 3, Triq Hal Bajjada, Rabat, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 320355(M); u akkuzat:

1. talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Lulju 2005, fl-Imdina, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-istabbiliment Fontanella Tea Garden, sitwat fi Triq is-Sur, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u

valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-detriment tas-Sinjura Louisette Dei Conti Sant Manduca;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan ghad-detriment ta' l-istess Louisette Dei Conti Sant Manduca.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat (a fol 3), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat illi l-Qorti tat il-fakulta' lid-Difiza tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fil-verbal taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2006.

Rat illi l-Partijiet baqghu inadempjenti.

Rat id-diversi opportunitajiet moghtija minn din il-Qorti sabiex il-partijiet jitrattaw il-kawza, liema opportunitajiet inghataw inutilment.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 279, 280 u 325, 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata in vista ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-Qorti fin-nuqqas ta' fedina penali

ezebita fil-process, trid per forza titratta lill-imputat bhala ‘first offender.’

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------